KUNSILL LOKALI ĦAMRUN

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħamrun

## It-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 36

Il-Kunsilli Lokali Il-Ħamrun fis-Sala ta' l-Kunsill nhar it-Tlieta, 10 ta' Marzu, 2022 fil-5:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Christian Sammut – Sindku
Joseph Cuschieri – Kunsillier
Carmen Borg – Kunsillier
Jurgen Carl Grixti – Kunsillier

**UFFICJAL PREŻENTI:**

Duncan Hall – Agent Segretarju Eżekuttiv

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skond Ordni Permanenti 14A (3):**

Vincent Bonello – Viċi Sindku
Efrem Buttiġieġ – Kunsillier
Cynthia Tommasuolo – Kunsillier

**Is-Sindku Christian Sammut** ippresjeda l-laqgħa.

**36.01 Qari ta' ittri ta' apologija**

35.01.01 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi l-Vici-Sindku u l-Kunsilliera Efrem Butigieg u Dr. Cynthia Tommasuolo kienu infurmawh illi ma kienx ser ikun possibbli ghalihom li jattendu ghas-seduta. Kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera prezenti illi l-assenza taz-zewg individwi mis-seduta kellha tigi meqjusa bhala gustifikata.

**36.02 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

36.02.01 Il-Minuti ta' seduta numru 35 kienu gew iccirkolati qabel is-seduta u ghaldaqstant gew meqjusa bhala moqrija.

36.02.02 B'Referenza ghal minuta 35.2.2 il-Kunsill Lokali gie infurmat illi x-xogholijiet kienu ikkalmaw xi ftit izda kienu mistennija jitkomplew fil-gimgha segwenti.

36.02.03 B'referenza ghal minuta numru 35.2.7, is-Sindku ghadda lill-Kunsill Lokali aggornament dwar l-inizjativa ta' keep fit sessions u sahaq illi l-konkorrenza kienet wahda tajba hafna.

36.02.04 B'referenza ghal minuta 35.03.06, is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi l-attivita' tal-Kandidat politiku kienet inzammet hekk kif propost u ma kienux gew irrapurtati problemi.

36.02.05 B'referenza ghal minuta 35.03.07 is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi hekk kif ippjanat il-Papa kien ghadda minn gewwa l-Hamrun matul iz-zjara tieghu f'Malta u kien hemm partecipazzjoni inkoraggjanti kemm mir-residenti kif ukoll mill-ghaqdiet tal-Hamrun.

36.02.06 Fuq kunsiderazzjoni tas-Sindku ssekondat mis- Sa. Carmen Borg, il-Kunsill Lokali b'votazzjoni unanima approva l-minuti hekk kif imressqa.

36.02.07 Is-Sindku u l-Agent Segretarju Ezekuttiv iffirmaw il-minuti bhala dokument korrett

**36.03 Komunikazzjoni mis-Sindku**

36.03.01 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lill-Kunsill Lokali illi kienu ghaddejjin il-preparamenti sabiex kemm il-darba jkun possibbli tigi kkommemorata l-Gimgha Imqaddsa fil-Hamrun.

36.03.02 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lill-Kunsill Lokali kien jidher illi ma kien ser ikun hemm ebda problema b'konnessjoni ma' sejha ghall-offerti li l-Kunsill Lokali kien hareg ghal xogholijiet gewwa l-binja tal-iscouts. Huwa sahaq illi kien ghaddej hekk kif ippjanat il-process b'konnessjoni ma' sejhiet ghall-offerti li l-Kunsill Lokali kiej hareg ghal servizzi ta' accountant u sabiex jinxtraw CCTV cameras.

36.03.03 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lill-Kunsill Lokali illi kien ser ikun qieghed jigi varat il-process bil-ghan illi jigi ingaggjat Segretarju Ezekuttiv gdid fil-Kunsill Lokali tal-Hamrun.

36.03.04 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lill-Kunsill Lokali illi b'konnessjoni ma' progett li l-Kunsill Lokali kien qieghed membru fih, kien ser ikun hemm attivita' gewwa l-Portugall li ghaliha kienet ser tkun qieghda tattendi rapprezentanza mill-Kunsill Lokali tal-Hamrun. Is-Sur Sammut zied jghid illi kien ser ikun hemm zewg attivitajiet ohra b'konnessjoni mal-istess progett, liema attivitajiet kienu ser ikunu qieghdin jinzammu gewwa l-Grecja u l-Portugall.

36.03.05 **Is-Sindku Christian Sammut** habbar illi f'April 2022 kien ser ikun qieghed jinbeda x-xoghol fuq progett tal-bandli li kien qieghed jimplimenta l-Kunsill Lokali. Huwa zied jghid illi f'qasir zmien kienet ser tkun qieghda tinhareg sejha ghall-offerti ghat-tieni fazi ta' xogholijiet fuq il-progett ta' roof garden.

36.03.06 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lill-Kunsill Lokali bi glieda li kienet inqalghet u li kienet gie irrapurtataf il-media. Huwa sahaq illi filwaqt li dak li sehh kien deplorabbli, il-Kunsill Lokali kellu jahdem sabiex jizdiedu CCTV cameras fiz-zona ta' Blata l-Bajda fejn kienet sehhet il-glieda.

## 36.04 Twegibiet ghall-mistoqsijiet mill-Kunsilliera

36.04.01 Il-Kunsillier Josef Cuschieri staqsa dwar attivita' li kellha tigi kkordinata mas-Sur Charles camilleri u jekk kienx possibbli li tigi konkluza.
Is-Sindku, wara li ddiskuta mal-membri tal-Kunsill Lokali wasal ghall-konkluzjoni illi l-attivita' kellha tittella' nhar l-1 ta' Gunju 2022.

36.04.02 Il-Kunsillier Josef Cuschieri staqsa dwar Jum il-Hamrun 2022 u jekk kienux gew konkluzi l-preparamenti.
Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi kienu ghaddejin il-preparamenti sabiex jittella' Jum il-Hamrun nhar is-27 ta' Mejju 2022. Fir-rigward, il-Kunsill Lokali kien ser ikun qieghed jinzamm aggornat.

36.04.03 Il-Kunsilliera Carmen Borg irrimarkat dwar il-problema ta' boroz ta' skart li ma kienux qieghdin jingabru.
Gie stabbilit illi fil-maggoranza tal-kazi il-boroz ma kienux jingabru ghaliex kienu qieghdin jinhargu tard jew f'gurnata illi ma jkunx indikat illi ghandu jingabar l-iskart specifiku.

36.04.04 Il-Kunsilliera Carmen Borg irrimarkat illi kienu qieghdin jaslulha diversi ilmenti rigward il-fatt illi l-Kunsill Lokali ma kienx qieghed jipprovdi boroz tal-iskart riciklabbli u dak organiku lir-residenti.
Gie stabbilit illi l-materja kienet tmur oltre dak li kien jiddependi mill-Kunsill Lokali u li ma kienux qieghdin jitqassmu boroz ghaliex il-Kunsill Lokali ma kienx qieghed jigi pprovdut b'tali.

36.04.05 Il-Kunsillier Joseph Cuschieri staqsa dwar il-possibilita' illi centru tal-Caritas jibbenefika minn reserved parking li ma kenitx ghadha tintuza ghall-iskop originali taghha u rigward immaniggjar tat-traffiku fi Triq Mile End.
Is-Sindku filwaqt li sahaq illi ma kellu ebda oggezzjoni b'konnessjoni mat-talba relatata ma' Caritas, ikkonferma illi kienet ser tkun qieghda tintbaghat ittra lir-residenti rigward l-immaniggjar tat-traffiku fi Triq Mile End bil-ghan illi tigi evalwata kull possibilita'.

36.04.06 Il-Kunsill Lokali gie infurmat mill-Kunsilliera Carmen Borg illi kien qieghed jigi ppjanat illi jkun kordinat weekend break gewwa l-lukanda Paradise Bay bejn id-29 , t-30 ta' April u l-1 ta' Mejju 2022.

**36.05 Update ta' progetti mill-Kunsill Lokali**

36.05.01 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi l-istima tax-xogholijiet li l-Kunsill Lokali kien qieghed jippjana illi jimplimenta fi Triq Atocia kienet ser tammonta ghal madwar hamest'elef ewro. Is-Sur Sammut sahaq illi fir-rigward, kemm il-darba jkun legalment possibbli ix-xohgolijiet kienu ser ikunu qieghdin jigu ordnati.

36.05.02 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi kien ghaddej process mal-Awtorita' tal-Ippjanar bil-ghan illi jigu irkuprati fondi li l-Kunsill Lokali kien hareg b'konnessjoni mal-programm Urban Improvement Fund li kienet tamministra l-istess Awtorita' tal-Ippjanar.

36.05.03 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi r-rigenerazzjoni tas-sala tal-Kunsill Lokali u l-hanut li l-Kunsill Lokali kellu fi Strada Rjali kienu ser ikunu qieghdin jigu implimentati permezz tal-programm Urban Improvement Fund flimkien mal-Awtorita' tal-Ippjanar.

**36.06 Sejhiet ghall-offerti.**

36.06.01 Ma kienx hemm aggornamenti.

**36.07 Aggornament tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

36.07.01 Il-laqgħa intemmet fis-7:15 ta' filgħaxija, u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgha, 4 ta' Mejju, 2022 fil-5:30 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum, 4 ta' Mejju, 2022

____________________________
Christian Sammut
Sindku

____________________________
Duncan Hall
Agent Segretarju Eżekuttiv